**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 187 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Pierre Caruana**

**Illum 5 ta' Marzu 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Pierre Caruana detenur tal-karta tal-identita' Maltija 471986 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Illi l-esponenti kien akkuzat quddiem l-Ewwel Qorti talli nhar is-17 ta' Novembru 2021 gewwa Selmun ikkaccja jew ipprova jikkacja u ghamel attivita ta' kacca jew insib xi gass jew xi apparat elettroniku jew elettriku specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur tar-reg. 7[1] [d] L.S. 549.42;

2. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkacja kellu fil- pussess tieghu bird caller u dan bi ksur tar-Reg 7[2] LS 549.42;

3. U aktar talli fl-istess hin, lok u corkostanzi kien qed igorr arma tan-nar kemm jekk ikkargata u kemm jekk ma' hijiwex li ma' tkunx fl-ghata taghha jew tispara xi arma tan-nar waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi Belt jew Rahal jew zona abitata ohra jew xi wahda mix-xtajtiet jew f'medda ta 50 metru minn toroq principali jew arterji u dan bi ksur tar-reg. 182[2] [a] LS 504.71

4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ebda persuna ma' ghandha f'ebda mument izomm jew iggorr arma jew barra l-ghata tagħha jekk mhux f'post fejn huwa permess l-isparar fuq kacca u dan bi ksur tar-regolament 17 ta LS 504.71;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' April, 2023, fejn din il-Qorti ikkonkludiet li l-ewwel tlett imputazzjonijiet ma rrizultawx pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u ghaldaqstant il-*qua* imputat gie lliberat mill-istess. In kwantu ghar-raba' imputazzjoni, mill-assjem tal-provi, rrizulta l-imputat kien miexi b'senter f'idu li ma kienx fl-ghata fi triq sekondarja u għaldaqstant fejn zgur ma hijiex permissibli l-kacca. Ghaldaqstant din l-imputazzjoni rrizultat sufficjentament ippruvata. L-ewwel Qorti ghalhekk iddikjarat lil Pierre Caruana, mhux hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li sabitu hati tar-raba' imputazzjoni migjuba kontrih. Konsegwentament ikkundanatu ghall-multa ta' hames mitt Ewro (Eur. 500).

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 (kif emendat), ordnat ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Pierre Caruana, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' April, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex

joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn l-esponenti gie lliberat u anke misjub hati izda tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Pierre Caruana li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**<u>L-Aggravji:</u>**

1. Illi l-esponenti iqis illi s-sospenzjoni tal-licenzja ghal zmien sentejn kif imponiet l-Ewwel Qorti kien wiehed harex izzejjed fic-cirkostanzi. Illi l-esponenti qatt ma' kellu ebda kwistjoni mal-Pulizija fuq kacca u din kienet l-ewwel darba li huwa kiser difru mal-Gusitzzja. Illi fuq il-pedana tax-xhieda l-esponenti xehed il-verita u di fatti gie lliberat kwazi minn l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu ghax il-Qorti emmnet il-verzjoni tieghu. Illi l-Pulizija li xehedu it-tnejn qalu li l-esponenti kien ikkopera maghhom waqt dina l-kwistjoni. Isegwi ghalhekk li l-Qorti kellha bir-rispett ma' tikkundannax sospenzjoni tal-licenzja u jekk dan isir kellha tkun wahda ferm anqas minn sentejn kif ghamlet l-Ewwel Qorti. Mill-bqija l-esponenti jirrimettu ruhu ghall-piena li gie kkundannat;

   Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-aggravju dwar piena fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2023 fejn l-Avukat Generali stqarret li din il-Qorti ma tistax tnaqqas il-perijodu ta' sospensjoni peress li nghatat fil-minimu taghha. Waqt li l-avukat difensur insista li minhabba il-ko-operazzjoni tal-appellant mal-pulizija waqt l-investigazzjoni kollha hija ghandha tkun klementi u tnaqqaslu l-perijodu ta' sospensjoni.

**Ikkunsidrat.**

Illi a skans ta' kull ekwivoku jiġi mmedjatament rilevat illi fil-każ *de quo* ma kienu jissussitu ebda raġunijiet speċjali u straordinarji għaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tinżel taħt il-minimu stabilit mill-Liġi, ai termini ta' l-artikolu 21 tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, effettivament lanqas ma hemm imsemmi (bir-reqqa kollha) fis-sentenza xi raġunijiet speċjali u straordinarji għaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tinżel taħt il-minimu, ai termini ta' l-istess artikolu.

Il-prinċipju segwit mill-ordinament ġuridiku tagħna f'sitwazzjonijiet bħal dawn hu li l-pieni erogati ma jistgħux ikunu taħt il-minimu sanċit mill-Liġi. F'dan il-każ in diżamina, il-Liġi (speċifikament ir-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif emendat) ma jforni l-ebda diskrezzjoni lill-Ewwel Onorabbli Qorti u għalhekk il-Qorti hija marbuta li tapplika is-sospensjoni tal-licenzja jew permess relevanti mahrug taht ir-regolament tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn.

Din il-f*orma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija riflessa f'sentenzi ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio** [1], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[2] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina** [3]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma

[1] Deciza mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003

[2] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

3. Deciza Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** [4], fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti rat dak li jiddisponi l-ligi u rat li it-terminu tas-sospensjoni moghtija fil-konfront tal-appellant hija dik *de minimis* u ghalhekk ma hemmx lok li jkun hemm bdil fit-terminu moghti.

Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tara kif l-appellant qieghed jitlob piena aktar klementi minn dik moghtija u cioe' riduzzjoni fit-termini tas-sospensjoni tal-licenzja meta huwa nghata l-anqas piena skond il-ligi u cioe' skond ir-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 ta-sena 2006 (kif emendat) u konsegwentement qed tichad dan l-appell u tikkonferma is-sentenza appellate moghtija mill-ewwel Qorti.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**

[4] Deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001